MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 779/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance plc u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Edward John Xuereb abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Edward John Xuereb**

**Vs**

**Harold Stewart**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' April, 2004 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm143.39 (mija tlieta u erbghin lira Maltin u disgha u tletin centezmu) rapprezentanti danni sofferti f'incident awtomobilistiku f'Rahal Gdid.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-ammont mitlub ta’ mija u tlieta u erbghin Lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm143.39) jirrapprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur Edward John Xuereb assigurat tas-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta’ mija u tmintax-il Lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm118.39), is-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) l-istess Edward John Xiereb in linea ta’ *excess payment*, bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta’ Frar 2003 ghall-habta tal-4:00pm gewwa Triq tax-Xewk, Paola, bejn il-vettura propjeta` ta’ l-attur Edward John Xuereb, bin-numru ta’ registrazzjoni EAU 015 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni ABH 463, liema incident sehh uinikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma’ dan l-att lis-socjeta` assikuratrici Middle Sea Insurance plc, u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-att kontra l-konvenut li jibqa` minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident;
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi t-Tribunal jinsab rinfaccjat b’sitwazzjoni fejn il-versjonijiet moghtija miz-zewg xufiera, jaghtu lok ghal interpretazzjoni inversa f’cirkostanzi simili. Jista` jkun li z-ewg xufiera jkollhom ragun fl-okkorenza tal-fatti li taw lok ghas-sinistru.

Illi ma hux il-kaz fejn ghandu jigi applikat il-principju fl-estern tieghu li l-attur irid jipprova l-kaz fuq bilanc ta' probabilita`, lil dana ghaliex illi t-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni li z-zewg sewwieqa kienu negligibli fis-sewqan taghhom f'grad ugwali. Dana huwa decifrabbli billi z-zewg vetturi kienu ipparkjati fi spazju wiehed, kienu qed jigu misjuqa f'direzzjoni ta' rivers, iz-zewg sewwieqa kienu gejjin minn xirja fis-supermarket. Fil-mument tal-habta, iz-zewg vetturi kienu skond huma weqfien. Allura kif habtu? Ghax ma kienux attenti u ma hadhux il-misuri preventivu biex dan l-incident ma jsehhx.

Jiddeciedi billi jiddikjara li z-zewg sewwieqa Edward Borg Xuereb u Harold Stuart bhala responsabbli ugwalment ghall-incident tat-12 ta' Frar 2003 u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' Lm71.70 ossia nofs dik mitluba bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjes ukoll bin-nofs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------